MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 415/2003

**Noel Mifsud**

**vs**

**Polyfoam Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-25 ta` April, 2003, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur kien impjegat bhala labourer mas-socjeta` konvenuta fil-fabbrika li ghandha gewwa il-Qasam Industrijali fil-Marsa;

Fis-27 ta` April, 2001, l-attur kien involut f`incident fuq il-post tax-xoghol waqt li huwa kien qieghed jhaddem makkinarju relattiv ghat-tqattiegh u ipprocessar tal-

polyfoam gewwa l-istess fabbrika tas-socjeta` konvenuta u dan fuq l-istruzzjonijiet u l-inkarigu tal-konvenut stess;

L-incident *"de quo"* sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta` harsien tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta fuq il-post tax-xoghol u nuqqasijiet ohra imputabbli unikament lis-socjeta` konvenuta li naqset kompletament milli tipprovdi lill-attur b`makkinarju idoneu li permezz tieghu huwa seta` jaghmel ix-xoghol tieghu minghajr perikolu u b`mod generali naqset milli tipprovdi lill-attur ambjent ta` xoghol illi jhares u jassigura s-sahha u sigurta tieghu;

Kawza tal-incident in kwistjoni l-attur sofra danni konsistenti kemm f`*'damnum emergens'* kif ukoll f`*'lucrum cessans'* peress illi l-istess attur qieghed issofri minn debilita` permanenti u per durata b`rizultat ta` l-istess incident datat 27 ta` April, 2001 kif ser jigi ampjament ppruvat waqt il-mori u t-trattazzjoni tal-kawza;

Is-socjeta konvenuta giet debitament interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha spettanti lill-attur anke permezz ta` ittra ufficcjali datata 2 ta` Novembru, 2001 izda l-istess socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-incident li sehh fis-27 ta` April, 2001 fuq il-post tax-xoghol, f`liema incident l-attur sofra danni konsisteni kemm f`*'damnum emergens'* kif ukoll f`*'lucrum cessans'* minhabba li b`rizultat ta` l-istess incident l-attur qieghed isofri minn debilita` permanenti u per durata, sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta` harsien tar-regolamenti inkluz dawk rigwardanti s-sahha u s-sigurta` tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol u nuqqasijiet u tortijiet ohra imputabbli unikament lill-konvenut.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b`rizultat tal-incident *“de quo”* li sehh fis-27 ta` April, 2001 okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma in linea ta` danni kif likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta` l-ittra interpellatorja tas-7 ta` Settembru, 2001, ta` l-ittra ufficcjali tat-2 ta` Novembru, 2001, u ta` l-ittra ufficcjali presentata kontestwalment ma` dina c-citazzjoni u indirizzata lis-socjeta` assiguratrici u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi mhux minnu dak allegat kontra s-socjeta` eccippjenti u cioe` li hija kienet traskurata u negligenti u ma ipprovdietx ambjent ta` xoghol illi ihares u jassigura s-sahha u sigurta tal-haddiem.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-24 ta` Ottubru, 2003, li in forza tieghu inhatar bhala espert mediku, Mr. Charles Grixti, sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar l-allegata dizabilita` permanenti minnu sofferta;

Rat ir-rapport ipprezentat mill-perit mediku fl-1 ta` Marzu, 2004, u accettata mill-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur f`din il-kawza kien ghadu guvni ta` 18-il sena meta beda jahdem mas-socjeta` konvenuta. Dan kien l-ewwel xoghol tieghu u gie assenjat biex jahdem fuq magna li tqatta` l-foam; fil-fatt, l-attur ma kienx assenjat fuq bicca xoghol wahda, tant li nghata jaghmel diversi xogholijiet, inkluz il-formazzjoni tal-blokok tal-foam, u tindif tal-magni u tal-art. Dakinhar tal-incident, kien qed jahdem fuq il-magna li tqatta` l-foam. Waqt li din il-magna tkun qed tahdem, gieli jigri li l-istess magna tibblokka bil-foam, b`mod li jkun mehtieg li l-magna titwaqqaf halli dak li jkun fizikament b`idejh inehhi l-blokage. Jidher li lill-attur, dan beda jigrilu ghax machine operator tal-esperjenza, certu Gaetano Cassar, rah idahhal idu fit-tubu tal-magna biex inehhi l-foam. Meta dan Cassar rah jaghmel hekk, avvicinah u qallu biex meta jkun qieghed jisblokka l-bicciet tal-foam minn got-tubu, mhux biss jitfi l-magna, izda jaqla` l-plakka minn postha u jkun cert li waqfet il-magna. L-attur, meta rega wehel il-foam, hekk ghamel, izda meta dahhal idu fit-tubu, hass gibda u meta gibed idu l-barra, hass li parti minn wiehed mis-swaba ta` idu l-leminija jinqata` barra u jibqa` fil-magna. Li qabel l-incident, l-attur kien qala` l-plakka minn mal-hajt, ikkonfermah l-imsemmi Gaetano Cassar li nduna li l-attur kien qala` l-plakka qabel ma dahhal idejh.

Il-principji li jirregolaw ir-responsabbilita` ta` sid ta` intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza. Fil-kawza Ingliza <u>“Wilsons and Clyde Coal Co. vs English”</u>, deciza mill-House of Lords fil-1937, Lord Maugham osserva:

*“In the case of employments involving risk … it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant, appliances, and works;*

*secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly to provide a proper system of working"*.

Fil-kawza "Calleja vs Fino", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta` Ottubru, 1980, gie kwotat b`approvazzjoni li:

*"It is the employer's duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this".*

Fil-kawza "Borg vs Wells et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Settembru, 1981, kompla jizdied li: *"In planning a system of work the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work"*. Fil-kawza "Grech vs Ellul", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Gunju, 1996, intqal: *"It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work"*. Fil-kawza "Grech vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994, intqal li: *"Il-makkinarju ghandu jkun imhares b`mod illi ma jirrekax hsara li min qed jahdem fuqu, jew qed jadoperah anke meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita` u dan biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun, fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali"*.

Ta` importanza hija ukoll il-kawza "Chetcuti vs Mizzi", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta` Gunju, 2002, fejn gie osservat li min ihaddem m`ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhomx sharrig.

Fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta` konvenuta ma qdietx dmirha fil-konfront tal-attur, haddiem taghha. Meta l-attur

dahal jahdem mal-kumpanija konvenuta, ma inghatax xoghol specifiku u determinat, izda intefa jahdem skond fejn ikun hemm bzonn, inkluz li jahsel l-art! Beda jaghmel xoghol ta` fattiga u machine operator, minghajr ma nghata stharrig partikolari fuq l-uzu tal-magni. Fil-fatt, jirrizulta li dak li kien jigri kien li meta haddiem jibda jahdem fuq magna, xi hadd jurih kif ihaddem l-istess magna u x`jaghmel meta tkun imblukkata. Dan mhux l-istharrig li ghandu jinghata haddiem gdid. Haddiem fuq magna gdida ghandu jigi muri mhux biss kif tahdem il-magna, imma bil-preciz kif ghandu joperha; il-magna ghandha wkoll tinhadem mill-imghallem quddiem il-haddiem biex dan jigi muri pass pass il-process tal-magna. Inoltre, x`ghandu jaghmel il-haddiem f`kaz ta` imblukkar m`ghandux biss jinghad lilu, izda ghandu jigi muri ezatt x`ghandu jaghmel u spjegat lilu b`mod vizwali u semplici, kif u sa fejn ghandu jintervjeni manwalment. Wara dan l-istharrig (li m`ghandux isir darba biss), il-haddiem ghandu jinghata l-opportunita` li juza l-magna bi stharrig fil-prezenza tal-imghallem, biex dan jigwidah pass pass tul it-triq tal-magna. Wara li l-haddiem ikun darha l-uzu tal-magna, ikun jista jithalla jaghmel uzu minnha ghax-xoghol ta` sid l-intrapriza, pero`, ghal certu zmien, dan irid jaghmlu b`supervisor il-hin kollu mieghu biex jigwidah u jara li l-haddiem jagixxi skond kif kien mghallem; huwa biss wara certu zmien ta` xoghol taht supervizzjoni u biss wara li l-haddiem ikun jidher komodu mal-magna, li, allura, jista` jithalla wahdu jopera dik il-magna. Wara dan, sid l-intrapriza ghandu, kull tant zmien, jaghmel *spot checks* biex jara li l-magna qed tintuza kif suppost mill-haddiema tieghu. Mas-sahha tal-haddiema m`ghandux ikun hemm kompromessi.

Il-Qorti ma tistax issib xi nuqqasijiet fl-attur. Huwa segwa l-proceduri li qalulu, pero`, xorta wegga. Meta wehel il-foam, tefa` l-magna u qala` l-plakka minn mal-hajt; stenna ftit u dahhal idu fit-tubu, izda ha idejh mal-blades tal-magna. Biex gara l-incident, jew il-magna ma kienetx safe ghal dik it-tip ta` manuvra, jew il-haddiem ma stenniex bizzejjed qabel ma dahhal idu jew dahal idu fejn jew kif mhux suppost. F`kull kaz, ir-responsabbilita` hija tal-employer, ghax kien dmir tieghu li jara li l-magna tkun

safe u, la darba kien mistenni li l-haddiem idahhal idu fit-tubu, li jindokkra sew lill-haddiema meta u kif idahhlu idhom fit-tubu. Li tghid lill-haddiema, *"stenna ftit u dahhal idek"* mhux bizzejjed, ghax lill-haddiema kellhom jinghataw guidelines cari dwar kemm hu dak il-*"ftit"*, u kif u sa fejn idahhlu idejhom. Li gara f`dan il-kaz kien kollu konsegwenza tan-nuqqas ta` stharrig adegwat da parti tal-employer fil-konfront tal-haddiema tieghu. Employer m`ghandux jafda fuq is-sens komun tal-impjegati tieghu, ghax hu maghruf li hafna haddiema li jahdmu fl-industrija m`ghandhomx livell gholi ta` edukazzjoni, u kwindi jridu jigu gwidati f`dak kollu li jridu jaghmlu.

Il-Qorti ezaminat ukoll ir-rapport li hejja l-Inginier Raymond Spiteri wara l-incident, u ssib li ghalkemm dan iccertifika l-magna bhala *"in a good and safe working order"*, ir-rakkomandazzjonijiet tieghu biex il-magna tkun aktar safe, jindikaw li dak ix-xoghol kellu jsir <u>qabel</u> ma jinbaghtu haddiema jahdmu fuqha. L-installazzjoni ta` emergency stop button u l-estensjoni tal-shredded foam outlet *"in order to prevent the operator from inserting his/her hand in the shredding unit"* kellhom isiru *ab initio*, u kien hekk isir kieku l-magna giet ezaminata fil-bidu u mhux wara l-incident. Kif intwera, l-employer *"must take into account the fact that workers become careless about risks involved in their daily work"*, u hu, ghalhekk, ghandu obbligu mhux biss li jara li l-haddiema tieghu jkunu mistharga sew fl-uzu tal-magna li fuqha jridu jahdmu, izda li l-magna tkun mhux biss skond l-istandards stabbilit (li generalment, jkopru biss il-minimum standards of safety), izda li, kemm jista` jkun, jkollha features li jevitaw incident anke meta l-haddiem ikun aljenat jew mghoni bir-rutina tax-xoghol.

Kwindi, din il-Qorti m`ghandha ebda esitazzjoni ssib lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghal hsara li garrab l-attur fl-incident li sehh fis-27 ta` April, 2001.

Ghar-rigward tad-danni, jirrizulta li l-attur kellu 18-il sena meta sehh l-incident, u, ghalhekk, il-Qorti meta qieset il-gurisprudenza ricenti fir-rigward (ara, per ezempju, <u>"Caruana vs Camilleri"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-

Appell fis-27 ta` Frar, 2004), u c-*"chances and changes of life"*, sejra tadotta multiplier ta` 35. Id-dizabbilita` permanenti li garrab l-attur giet ikkalkulata mill-espert mediku bhala li twassal ghal 4%. L-attur kellu dhul ekwivalenti ghal minimum wage, u ghalkemm hu mistenni li dan javvanza fil-hajja, il-livell tal-edukazzjoni tieghu ma jaghtix affidavment illi hu qatt kien se jilhaq gradi gholja fil-hajja lavorattiva tieghu. Ghalhekk, meta tqies medda ta` 35 sena, u z-ziedet li regolarment jinghataw fil-pagi tal-haddiema, dina l-Qorti thoss li ghandha tahdem fuq paga annwali ta` Lm6,000, mil-liema somma m`ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba t-taxxa ("Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Jannar, 1972) u lanqas minhabba kontribuzzjonijiet tas-sigurta nazzjonali ("Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta` Novembru, 1983).

Ghalhekk, il-kumpens ghandu jinhadem hekk:

$$6000 \times 35 \times 4\% = Lm8,400$$

Minn din is-somma ghandha titnaqqas 20% minhabba *lump sum payment* (ara, dwar dan, il-kawza "Agius vs Fenech", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta` Ottubru, 2003).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, tiddisponi mill-kawza, billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta` Lm6,720 (sitt elef, seba` mija u ghoxrin lira Maltija) in linea ta` danni, bl-imghax legali mil-lum sal-gurnata tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------